# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru 61/2024 SG**

**Michael Cauchi**

**Vs**

**Alessandro Militello**

**Illum, 15 ta' April 2025**

**Il-Qorti;**

**Ra** r-rikors ta' Alessandro Militello ppreżentat fl-4 ta' Ottubru 2024 li permezz tiegħu talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex hija tiġġustifika l-konutmaċja tiegħu u taċċetta r-risposta ġuramentata ppreżentata minnu;

**Rat** ir-risposta ta' Michael Cauchi tal-24 ta' Ottubru 2024 li permezz tagħha huwa ssottometta li din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-konvenut sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u tiċħad il-preżentata tar-risposta ġuramentata ppreżentata minnu;

**Semgħet** il-provi u semgħet trattazzjoni dwar dan il-punt;

**Rat** l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat**

Din hi sentenza dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tal-konvenut.

L-aspetti fattwali ta' dan l-episodju proċesswali jistgħu jiġu elenkati kronoloġikament hekk kif ġej:

a. b'rikors imressaq nhar it-30 ta' Lulju, 2024, ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti **(1)** tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fis-sittax (16) ta' Awwissu elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat, Għawdex għad-danni konsegwenzjali kollha attwali u futuri li ġarrab l-attur riżultat ta' dan l-inċident; **(2)** tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominadi, id-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur; u **(3)** tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma rappreżentanti d-danni hekk likwidati;

b. wara s-soliti tentattivi ta' notifika lill-konvenut (ara fol. 5B) — li taw eżitu fin-negattiv — l-attur ipproċeda biex indika indirizz ieħor fejn il-konvenut seta' jiġi notifikat;

ċ. illi l-atti ġew sussegwentament notifikati fis-sitta (6) ta' Settembru elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u Doreen Calleja, Purtier fil-Qrati u Tribunali (Għawdex) irraportat illi: "*Illum 6.9.2024. Ngħid u niżgura li fil-6.9.2024 nnotifikajt lil Alessandro Militello personalment billi tajtu/billi ħallejtlu fl-indirizz mogħti Rabat f'idejn Johnny Attela 430645NE b'kopja ta' dan anness dig rik docs+transl.*";

d. illi fl-4 ta' Ottubru 2024, il-konvenut ressaq rikors (a fol. 33) li permezz tiegħu stqarr illi l-kawża tħalliet lilu fuq il-post tax-xogħol tiegħu ma' terzi persuni, ċjoè r-ristorant bl-isem 'Pasta Republic', Triq ir-Repubblika, Victoria, Għawdex. Ġie dikjarat illi huwa għadu sa issa ma jafx meta din il-kawża tħalliet fl-imsemmi ristorant, u probabbilment tħalliet ma' xi ħadd li ma jitkellimx bil-lingwa Ingliża, iżda bil-lingwa Taljana. Fl-istess rikors, ġie mniżżel illi meta eventwalment id-dokumenti ġew mgħoddija lilu, huwa ma fehemx x'fihom peress li, għalkemm dawn id-dokumenti ngħataw lilu bil-Malti u bl-Ingliż, huwa la jifhem il-Malti u lanqas l-Ingliż. Fir-rikors, intqal li Militello Alessandro jitkellem u jifhem biss il-lingwa Taljana, u illi fil-frattemp kellu jmur l-Italja b'urġenza, peress li missieru kien agunija, u fil-fatt fil-frattemp miet. Ġie spjegat illi kien biss fil-jiem ftit qabel ir-rikors li l-konvenut fehem il-portata tad-dokumenti mħollija lilu kif ukoll it-terminu li fih kellu jirrispondi għalihom, u dan meta mar għand l-Avukat tiegħu bid-dokumenti riċevuti. Finalment, fl-istess rikors ġie dikjarat illi Militello Alessandro jifhem li hu kontumaċi fil-kawża, però jifhem li għar-raġunijiet premessi, hemm ġustifikazzjoni għall-kontumaċja tiegħu;

e. fl-24 ta' Ottubru, 2024 ir-rikorrenti preżentata risposta għar-rikors tal-konvenut li permezz tagħha oppona għat-talba ta' ġustifikazzjoni (a fol. 41) u dan għas-segwenti raġunijiet:

– iċ-ċitazzjoni kienet fil-forma li titlob il-Liġi, u ċjoè bil-Malti u bl-Ingliż, u ġiet notifikata b'mod korrett, u dan in linea ai termini tal-Liġi, u ċjoè Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

  *In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha.*

  Illi f'dan il-każ huwa ġie notifikat fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Din hija notifika valida. Dan huwa kkonfermat mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) deċiża tat 2 ta' Mejju 2013 fl-ismijiet **AB vs CD**:

  *Apparti dan kollu, l-istess intimata tipprova toħloq argument fuq l-indirizz tax-xogħol u li skont kif tikkontendi hi, normalment l-atti jiġu notifikati lilha fir-residenza ta' ommha, ida tali argument m'għandu ebda bażi legali għaliex notifika fuq il-post tax-xogħol hija meqjusa bħala notifika valida,* **Dwar dan m'hemm l-ebda dubbju**.

– Illi l-konvenut siefer bejn il-11 u 17 ta' Settembru 2024 u kien għalhekk seta' faċilment ikkonsulta ma' avukat f'data qabel u f'data wara dawk il-ġranet;

– Illi kien il-konvenut li għażel volontarjament li jinjora t-termini mogħtija, stante illi jekk huwa għandu ġustifikazzjoni għal żmien li ma intavolax ir-risposta tali ġustifikazzjoni hija biss għal perjodu ta' bejn il-11 u s-17 ta' Settembru 2024;

– Illi s-sentenza fl-ismijiet "**Vittorio Cassar -vs- Carmelo Vassallo**", Appell, Sede Inferjuri 29 ta' Mejju 1937 telenka dawn il-prinċipji in materja ta' kontumaċja, u ċjoè:

  1. il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;

  2. anqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;

  3. biex ikun hemm lok għal ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;

4. din il-kawża ġusta għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu;

5. l-impediment biex ikun leġittimu, għandu jkun jiddependi mill-volontà tal-kontumaċi;

6. l-iżball ma hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun żball vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għal kolpa;

7. dan l-impediment leġittimu jista' jkun kif intqal "una necessita impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibbli";

8. l-impossibilità li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali."

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumaċja bħala miżura ta' natura punittiva neċessarja biex tassigura serjetà fil-proċeduri. Min-naħa l-oħra proprju minħabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas daparti tal-persuna notifikanda allura l-kontumaċja għandha titqies bħala ġustifikata, u l-konvenuti għandhom jingħataw l-opportunità li jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom. Kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċizjoni fl-ismijiet **Paul Vella et noe vs Anthony Ellul** (4 ta' Lulju 1991),

*"ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika tal-att bħala fatt, ma għandu jkun hemm l-ebda ostakolu u l-kontumaċja titqies li ġiet ġustifikata"*

Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Jannar, 2005 Ċitazzjoni Numru. 3496/1996/1 fl-ismijiet Anthony Conti u b'digriet tat-22 ta' Lulju 2004 l-atti ġew trasfużi f'isem Gladys Conti, Elizabeth Grech u Angela Grech stante l-mewt tal-attur Anthony Conti vs Maria Bianchi f' isimha propju u ghan-nom ta' Amica Limited fejn intqal:

"*Ikkunsidrat li l-principji li jirregolaw il-materja ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja ilhom migbura sa mill-1937 mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo [XXIX-I-1581], liema principji baqghu*

*jigu applikati regolarment f'kawzi sussegwenti b'tali mod li ffurmaw gurisprudenza cara u inekwivoka.*

*Inoltre fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Frar 1995 fl-ismijiet Joseph Naudi Montalto noe vs Emmanuel Xuereb saret referenza esplicita ghat-tmien principji s-segwenti:*

1. *Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
2. *Anqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
3. *Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*
4. *Dina l-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*
5. *L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
6. *L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
7. *Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili;*
8. *L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali;*

*Gie deciz mill-Qorti tal-Kummerc – Imh. J. Herrera – fis-7 ta' Frar 1983 illi l-kontumacja ma tistax tkun ritenuta gustifikata meta tkun kolpuza.*

*L-agir ta' persuna li thalli citazzjoni kummercjali filpussess taghha u maghmula kontriha ghal fuq minn xahar ghandu jkun kunsidrat bhala agir kolpevolissimu.*

*Il-kontumacja u d-decizjoni ta' kwistjoni jekk hux kontumaci konvenut jew le trid tkun deciza permezz ta' sentenza in parte seduta stante u mhux kameralment.*

*Ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar 1996 fl-ismijiet Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia gie ritenut hekk:*

*"Diversi kienu d-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati in materja ta' kontumacja u l-gustfikazzjoni o meno taghha. Peress li kull kaz hafna drabi jipprospetta fattispecje differenti, iddecizjonijiet mhumiex ghal kollox uniformi, fis-sens li hemm xi whud minnhom li adottaw linja rigida mentri ohrajn kienu izjed flessibli u liberali. Din il-Qorti jidhrilha li meta l-ligi stess ipprefiggiet terminu preciz u relattivament twil – ghoxrin jum – m' ghandhiex tammetti li, jekk*

*mhux ghal xi raguni gravi jew eccezzjonali, testendi dan ilperjodu jew tinnewtralizzah bl-ammissjoni ta' eccezzjonijiett – wara l-gheluq tieghu. Huwa minnu li l-ligi stess taghti tali diskrezzjoni lill-Qorti imma huwa appuntu ghal din ir-raguni li l-gudikant ghandu jezercita tali diskrezzjoni b'mod xieraq u meqjus. Fil-kaz prezenti l-agir tal-appellant kien kolpuz u jekk il-Qorti kellha tammetti tali agir ghall-fini ta' gustifikazzjoni ta' stat ta' kontumacja, allura ftit jibqa' jaghmel sens dak li jesigi l-Kodici tal-Procedura. Huwa principju assodat minn sensiela ta' decizjonijiet li l-kontumacja ma tistax titqies gustifikata meta din hija kolpuza. Dejjem kien ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghax allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-culpa u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghax qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire. L-appellanti agixxiet negligentement u trid tissubixxi l-konsegwenzi tal-agir taghha." Ara wkoll Simonds Farsons Cisk Limited vs Saviour Deguaradeciza fid-19 ta' Mejju 1997 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili – Imh. N. Arrigo.*

*Fil-kawza fl-ismijiet Pauline Caruana et vs Spiro Mangion et [Citazz. Nru: 44/97] fl-21 ta' Jannar 1998 –Imh N Arrigo intqal:*

*"L-istituzzjoni tal-kontumacja ghalkemm ghadha tifforma parti mill-ordinament guridiku taghna, qed tigi interpretata b'mod illi aktar jirrifletti d-dritt ta' kull individwu li jkollu smiegh xieraq quddiem tribunal indipendenti fejn jista' jressaq il-provi w id-difiza tieghu.*

*B'hekk gie stabbilit fil-gurisprudenza taghna, illi lkontumacja trid tkun volontarja u kolpuza u li ghaliha ma jkunx hemm kawza gusta Paul Grixti vs Direttur taxXogholijiet Pubblici - Qorti ta' l-Appell [Sede Kummercjali] - 15/12/1975.*

*Fil-kawza Falzon George vs Connie Camilleri deciza fit30 ta' Jannar 1998 mill-Prim' Awla Qorti Civili – Imh. N. Arrigo il-Qorti hasset li ghall-kontumacja jista' jkun hemm rimedju billi l-konvenut jitlob li jithalla jissana l-kontumacja tieghu bil-konsegwenza li jithalla jressaq tard leccezzjonijiet tieghu wara li l-Qorti taccetta r-raguni ghala baqa' kontumaci. F' dak il-kaz il-kontumacja giet gustifikata ghax matul l-ghoxrin jum il-konvenuta kienet marida.*

*Fil-kawza fl-ismijiet Tabone Computer Centre Limited vs Continental Cars Limited deciza mill-Prim' Awla talQorti Civili fis-6 ta' Ottubru 1999 – Imh. R. Pace, intqal li lkontumacja gustifikata minkejja li l-karti waslu ghand issegretarja personali tal-Managing Director. Ara wkoll f' dan is-sens Michael Philippov et vs Paul Stoner etdeciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 1988 – Imh. R. Pace.*

*Ukoll fil-kawża fl-ismijiet Reverendu Dun Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai deciża fis-6 ta' Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri [LXXXIV-II-892] gie ritenut li fil-każ taht eżami ma kenitx tokkorri dik ilkontumelja rażenti d-disprezz li tintitolaha li tibqa' tqis lillkonvenuta kontumaci f'dan il-process. Hasset li l-istitut tal-kontumacja huwa bażat fuq il-presuppost illi lkonvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut bl-avviż, citazzjoni, rikors, libell jew petizzjoni. U hija din iddiżubbidjenża animata psikologikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali.*

*Ghalhekk meta kwalsiasi Qorti tigi konfrontata b'kontumacja formali u ma jkollhiex ukoll il-konvinzjoni certa u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas talkonvenuta, allura jkun jehtieg eżami ulterjuri tal-fatturi lohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi furmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut se jigi kundannat fl-assenża ta' difiża.*"

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti semgħet il-provi mressqa u t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet. Tqis li ma hemmx ombra ta' dubbju li l-konvenut ma ġġustifikax il-kontumaċja, stante li huwa kellu aġir kolpuż. Dan qed jingħad għal diversi ragunijiet. Illi għalkemm il-konvenut jgħid illi ma jafx lil min ingħataw il-karti mill-Marixxall, u skont hu dawn il-karti sabhom xi ħmistax-il ġurnata wara, il-karti kien jaf bihom qabel ma siefer fil-11 ta' Settembru. Infatti, huwa xehed li malli l-karti ġew f'idejh ħa ħsieb iqabbad l-Avukat tiegħu biex tieħu ħsieb twieġeb. Però mbgħad ikkjarifika illi mar għand l-Avukat xi jumejn jew tlieta qabel ma ġew ippreżentati d-dokumenti l-Qorti. Skont l-istess Alessandro Militello, fil-25 ta' Settembru 2024 bagħat messaġġ lil Dr Georgine Grech, u staqsieha jekk tistax tgħinu dwar dan il-każ. Il-Qorti tinnota li sa dakinhar, kien għadu ma għaddiex il-perjodu ta' għoxrin jum biex l-intimat ikun jista' jressaq ir-risposta tiegħu.

In vista tas-suespost, il-Qorti tħoss illi l-konvenut Alessandro Militello ma rnexxilux jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. Il-konvenut ipprova jiġġustifika l-kontumaċja fuq il-fatt li fiż-żmien li waslu dawn l-atti huwa kien imħabbat, u kien imsiefer minħabba indispożizzjoni ta' missieru, u li fil-frattemp ħalla lil din id-dinja. Madanakollu, fl-istess nifs huwa kkonferma li fil-25 ta' Settembru 2024, huwa kien già bagħat messaġġ lill-Avukat Georgine Grech sabiex jistaqsiha jekk hix f'pożizzjoni li tgħinu fuq dan il-kaz. F'dak iż-żmien, it-terminu stipulat fil-liġi kien għadu għaddej, u għalhekk huwa kien konsapevoli

b'dawn id-dokumenti fi żmien li fih it-terminu tan-notifika ċertament kien ghadu ma skadiex.

## DECIDE

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-konvenut sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u tiċħad il-preżentata tar-risposta ġuramentata preżentata minnu.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri għall-konvenut.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**